# Rubrica Prima

## L-ewwel referenza diretta għall-"kontemplazzjoni"

*Ir-***Rubrica Prima** *hija l-ewwel dikjarazzjoni uffiċċjali li kitbu l-Karmelitani dwarhom infushom; tiftaħ l-ewwel Kostituzzjonijiet Karmelitani li nafu bihom, li kienu approvati fil-Kapitlu Ġenerali ta' Londra fl-1281 u mill-ġdid fl-1294. Kieku llum insejħulha* **"mission statement"** *medjevali tal-Ordni Karmelitan.*



Ir-*Rubrica Prima* hija l-ewwel sezzjoni ta' dan id-dokument importanti ħafna għall-istorja tal-Ordni Karmelitan u titkellem dwar l-identità, l-oriġini, u n-natura tal-istess Ordni. Huwa maħsub li din id-dikjarazzjoni kienet diġà teżisti qabel, forsi saħansitra sa mill-1256. Inkitbet oriġinarjament wara t-tluq tal-ewwel Karmelitani mill-Art Imqaddsa u l-wasla tagħhom f'kuntest totalment differenti fl-ibliet Ewropej. L-intenzjoni tagħha kienet li titfa' dawl fuq xi dubji li kellhom diversi aħwa Karmelitani, speċjalment dawk iżgħar fl-età, rigward il-bidu tal-Ordni u allura bħal riedet tiċċara min aħna bħala reliġjużi Karmelitani u, għaldaqstant, x'post kellna (u għandna!) aħna fil-Knisja.

Ir-*rubrica* taqra hekk:
«Fuq x'għandha tkun il-kwalità tat-tweġiba lil dawk li jistaqsu dwar b'liema mod l-Ordni tagħna beda jeżisti. Xi aħwa żgħar tal-Ordni qegħdin jistaqsu dwar kif l-Ordni tagħna jaf il-bidu tiegħu; billi dawn ma jafux, lilhom aħna se nwieġbu f'din il-kitba. Niddikjaraw, aħna u nixhdu għall-verità, li miż-żmien li fih il-profeti Elija u Eliżew għexu devotament fuq l-Għolja tal-Karmelu, il-Missirijiet qaddisa, kemm tal-Qadim kif ukoll tal-Ġdid Testment, li lilhom il-**kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema** waslithom għas-solitudni tal-Għolja, għexu hemm, bla dubju, ħajja

eżemplari u ta' min ifaħħarha qrib l-Għajn ta' Elija bla waqfien fil-penitenza mqaddsa. Lil dawn l-istess suċċessuri, Albertu, Patrijarka ta' Ġerusalemm, fi żmien Innoċenzu III, għaqqad f'komunità waħda u kitbilhom Regula li l-Papa Onorju, suċċessur tal-istess Innoċenzu, u ħafna suċċessuri oħra warajh, approvaw u kkonfermaw permezz ta' diversi digrieti. Bil-professjoni ta' din ir-Regula aħna, id-dixxipli tagħhom, sal-lum naqdu lill-Mulej f'diversi partijiet tad-dinja.»

Ta' min jinnota l-ewwel u qabel kollox li l-mistoqsija li qegħda tippova twieġeb ir-*rubrica* mhijiex tant different minn dik li l-Karmelitan iddedikat jagħmel illum: xi tfisser li timxi wara s-Sinjur tal-Art, id-*Dominus loci*, fil-kuntest tal-adattament maż-żminijiet u l-fedeltà għall-konsagrazzjoni tagħna? U dan mhux għaliex dawn l-aħwa ż-żgħar fil-Medjuevu ma kinux jafu x'ġara mill-Ordni fuq livell storiku iżda għaliex ma kinux jafu, f'dawn iċ-ċirkustanzi ġodda, fejn se jsibu l-mezzi biex igawdu mill-istess "kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema" ta' missirijiethom. Fi kliem ieħor, il-mistoqsija ta' dawn l-aħwa ż-żgħar issir il-mistoqsija tagħna wkoll: x'inhu meqjus fundamentali jew essenzjali għall-forma ta' ħajja tagħna? U hawn ir-*rubrica* twieġeb bla tlaqlieq: "il-kontemplazzjoni" għaliex din hija "il-verità" li jixhdu għaliha l-kapitulari li nisġuha.

*Montis solitudinem, devote inhabitare.* L-għajxien tal-kontemplazzjoni Karmelitana jseħħ fis-solitudni tal-Għolja tal-Karmelu fejn ir-ruħ tiddedika lilha nnifisha kollha kemm hi għal Alla. Aktar milli l-għolja fiżika, diġà minn issa qegħdin naraw lill-aħwa Karmelitani jinterjorizzaw il-metafora tal-għolja hekk kif kienu diġà l-Missirijiet tal-Lvant interjorizzaw il-metafora tad-deżert. Kemm l-għolja u kemm id-deżert huma dawk l-ispazji fil-ħajja tal-Karmelitan li fihom jikkonċentra l-enerġiji kollha tiegħu fuq Alla. Għaldaqstant, il-Karmelitan huwa mħeġġeġ jgħix, jew aħjar, jgħammar (*inhabitare*) u, allura, jagħmel id-dar tiegħu f'Alla l-Ħaj.

Huwa dan fil-fatt is-sigriet tal-kontemplazzjoni Karmelitana: li aktar milli postijiet fiżiċi ta' solitudni (għalkemm dawn ukoll), il-Karmelitan kontemplattiv huwa dak li jniżżel l-għeruq tiegħu f'Alla ikun fejn ikun, b'tali mod li l-kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema, b'ħarsitna msammra f'Alla, twassalna biex nirrealizzaw li aktar milli nistennew id-dinja ta' madwarna li tinbidel, aktar jeħtieġ li ninbidlu aħna biex nibdew naraw id-dinja kif jaraha Alla. Minn Karmelu fiżiku jsir Karmelu interjuri ta' għaqda sħiħa ma' Alla biex is-solitudni nġorruha fina kull fejn immorru.

Dan l-atteġġjament kontemplattiv, tgħidilna r-*rubrica*, ngħixuh konkretament f'ħajja ta' "penitenza" – fuq l-eżempju tal-Profeta Elija, ħdejn l-Għajn imsemmija għalih – li fiha ma ngħixux jekk mhux biex nitolbu ħniena mingħand Alla għall-miżerji tagħna. B'hekk il-kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema mhijiex biss ħarsa fissa u attenzjoni għall-ħwejjeġ ta' Alla, iżda hija wkoll stil ta' ħajja penitenzjali, fis-sens li hija għotja kontinwa ta' ħniena u kompassjoni li nirċievi jien mingħand Alla minħabba d-dnubiet tiegħi u li ngħaddi jien lill-proxxmu tiegħi. F'sintonija mal-Missirijiet tal-Lvant, dan l-istil ta' ħajja jimla lill-qalb b'sentimenti ta' tjieba u gratitudni kbira għal dak kollu li Alla jagħmel miegħi, mill-iżgħar sal-akbar għeġubijiet.

Missirijietna jgħallmuna li l-kontemplazzjoni mhijiex xi ħolma rriżervata għall-ftit. Il-kontemplazzjoni, għar-*rubrica*, hija l-bidu tal-konverżjoni, litteralment li nduru kollna kemm aħna lejn il-wiċċ ta' Alla u li noħolqulu dak l-ispazju tant meħtieġ fil-qalb tagħna biex ikun jista' jiġi jgħammar hemm. Fi kliem ieħor, il-kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema hija ħajja penitenzjali.

*Glen Attard, O.Carm.*